"Ersqu 'l hawn u isimgħu
l-kliem tal-Mulej, Alla tagħkom."
— Ġożwè 3,9

# Korsijiet fuq il-Bibbja

Għaqda Biblika Maltija
MALTA BIBLE SOCIETY

Ottubru-Diċembru 2010

### Kif Niffurmaw il-Kuxjenza fid-Dawl tal-Iskrittura
**Filgħaxija AV/11/10**

Ta' spiss nisimgħu li kull bniedem għandu jgħix skont il-kuxjenza tiegħu jew tagħha; iżda nistaqsu: a) x'nifhmu meta ngħidu jew nisimgħu dan? b) għaliex u kif aħna responsabbli tal-kuxjenza tagħna? Fid-dawl tal-Kelma ta' Alla naraw jekk u għaliex il-kuxjenza tagħna hi l-vuċi ta' Alla f'qalbna, Alla stess għandu żgur x'jgħidilna fuq il-kuxjenza u kif għandna niffurmaw il-kuxjenza. F'dan il-Kors neżaminaw u nirriflettu fuq it-tifsira awtentika ta' kuxjenza u l-formazzjoni tagħha biex meta naġixxu skont il-kuxjenza nkunu tabilħaqq fis-sewwa u fil-verità.

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev. Arthur Vella SJ |
| Jum: | It-Tlieta |
| Dati: | 23, 30 ta' Novembru u jkompli 7, 14 ta' Diċembru 2010 |
| Ħin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | €20 |

Seminar ta' Ġurnata għall-Avvent
### Naqraw u ngħixu l-Bibbja mal-Protagonisti tagħha
**Sem/12/10**

| | |
|---|---|
| Imexxi: | Rev. Paul Sciberras |
| Jum: | Il-Ħadd, 5 ta' Diċembru 2010 |
| Post: | St Joseph Retreat House, Rabat |
| Ħlas: | €20 |

### It-Testment il-Qadim: Il-Kotba Storiċi
**Filgħodu KA/01/10 (Kors Mifrux fuq Sena)**

Aħna l-Insara nqassmu l-kotba tat-Testment il-Qadim fi tliet gruppi, jiġifieri l-Kotba Storiċi, il-Kotba tal-Għerf u l-Kotba tal-Profeti. F'dan il-kors se nitkellmu dwar il-messaġġ li Alla ried jagħtina f'wieħed minn dawn il-gruppi, il-grupp tal-Kotba Storiċi, li b'kollox fih 21 ktieb: Ġenesi, Eżodu, Levitiku, Numri, Dewteronomju, Ġożwè, Mħallfin, Rut, iż-żewġ kotba tas-Slaten, iż-żewġ kotba tal-Kronaki, Esdra, Neħemija, Tobit, Ġuditta, Ester u ż-żewġ kotba tal-Makkabin.

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev. Kan Karm Attard |
| Jum: | Il-Ġimgħa filgħodu |
| Dati: | 15 ta' Ottubru sas-27 ta' Mejju 2010 |
| Ħin: | 0930-1100 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | €150 |

### Kors ta' Formazzjoni Biblika 2009-2012
**Filgħaxija FB/02/10 (Kors Mifrux fuq Tliet Snin /2 Sena)**

Dan il-kors ta' formazzjoni biblika hu mifrux fuq 3 snin u hu intiż li jagħti idea bażika imma ċara tal-Iskrittura u s-suġġetti relatati magħha. Fit-tieni sena jsir studju fuq it-Testment il-Qadim.

| | |
|---|---|
| Lecturers: | Diversi |
| Jum: | Il-Ħamis |
| Dati: | 7 ta' Ottubru sad-19 ta' Mejju 2010 |
| Ħin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | €150 |

**Min jattendi hu ġentilment mitlub iġib miegħu l-Bibbja biex isegwi waqt il-korsijiet. F'KULL KORS IKUN HEMM BREAK BIR-REFRESHMENTS**

## PREŻENTAZZJONI

Bi pjaċir qed nibagħtulkom il-programm ta' korsijiet li qed norganizzaw bejn Ottubru u Diċembru li ġej flimkien mal-korsijiet twal u ġurnata seminar /rtir għall-Avvent. Hu programm mimli b'korsijiet interessanti u li jolqtu suġġetti diversi. Kull suġġett iġib fil-qrib il-Kelma ta' Alla fil-Bibbja lejn il-ħajja tagħna ta' kuljum biex hekk il-Kelma ssir rilevanti għal ħajjitna.

Nawguraw li, bħas-soltu, ħafna persuni jattendu għal dawn il-korsijiet u jibbenefikaw mill-ġid li joħroġ minnhom. Il-lectures isiru fis-Sala tal-Konferenzi tal-Istitut għall-Kultura Biblika, 51 Triq il-Miratur, Floriana.

Inselli għalikom.

**Grace Cilia**
Segretarja Ġenerali

**Għaqda Biblika Maltija**
Dar il-Bibbja, 62 Triq il-Miratur, Floriana FRN 1101 Tel: 21220318
Fax: 21236621 Email: info@maltabible.com/ibc@maltabible.com
www.maltabible.com

L-Għaqda Biblika Maltija tirriserva d-dritt li ma jsirx kors jekk ma jkunx hemm konkorrenza biżżejjed għalih. L-Għaqda Biblika Maltija tirriserva d-dritt li ma taċċettax applikazzjonijiet mingħand persuni mingħajr il-ħtieġa li tagħti raġuni.